# IZ-ZIZKA

*minn J Sultana*

Ħafna mill-ispeċi ta' l-agħsafar tista' tarafhom mill-kulur. Oħrajn tarafhom mill-għamla u d-daqs tagħhom, filwaqt li hemm oħrajn li tkun tista' tiddeċiedi x'inhuma mill-għajta jew l-għanja tagħhom kif ukoll mill-imġieba. Iz-Zakak huwa wieħed minn dawk l-agħsafar li tista' tgħid tagħrafhom mall-ewwel għax l-għamla, l-għajta, il-kulur u l-imġieba huma differenti minn dawk t'għasfur ieħor.

Iz-Zakak huwa għasfur mislut b'denb relattivament dejjaq u twil, b'saqajn kemmxejn twal li jgħinnuh jimxi u anke jiġri fl-art. F'Malta jidhru iżjed minn speċi waħda ta' Zakak. Biex tarafhom jgħinnuk il-kuluri u anke l-għajta. Aħna għandna iz-Zakak l-Abjad (White Wagtail), iz-Zakak tad-Dell (Grey Wagtail) u l-Isfar (Yellow Wagtail). It-tlieta huma komuni. Iz-Zakak l-Abjad u z-Zakak tad-Dell jidhru fil-ħarifa u jqattgħu x-xitwa magħna filwaqt li l-Isfar ipassi fil-ħarifa u r-rebbiegħa għax dan iqatta x-xitwa fl-Afrika l-isfel mid-deżert tas-Saħara. It-tlieta jieklu insetti, brimb u dud ieħor li jiġbru mill-art fejn iqattgħu l-biċċa l-kbira tal-ġurnata għax għalkemm jorqdu fis-siġar jew fil-qasab huma agħsafar biex ngħidu hekk, ta' l-art.



*Zakak tad-Dell*

Iz-Zakak iħobb iżomm ħdejn xi għadira jew nixxiegħa għalkemm dawk tad-Dell u l-Abjad jippreferu wkoll iżuru l-irziezet



*Zakak Abjad*

fejn isibu abbundanza ta' ikel mid-demel ta' l-annimali. Mill-banda l-oħra l-Isfar fir-rebbiegħa, jinżel ukoll fi qtajja qalb ir-raba' speċjalment tal-ġulbiena jew dawk maħruta kif ukoll ifittex l-ikel qalb xi merħla nagħaġ jew mogħoż.

Iz-Zakak l-Abjad fih madwar 18cm minħabba t-tul ta' denbu. Huwa iswed, abjad u griż. Id-dahar huwa griż, bi ftit iswed fuq ir-ras. Minn taħt ikun bajdani bi strixxa sewda f'għamla ta' nofs qamar. Dan jitlagħlu sa munqaru fir-rebbiegħa. Parti kbira mil-populazzjoni li tqatta x-xitwa magħna torqod fis-siġar li hemm fil-pjazza ta' l-Assedju l-Kbir fil-belt. Oħrajn jorqdu fis-siġar fil-Marsa Industrial Estate filwaqt li f'Għawdex jorqdu fil-qasab tal-Lunzjata kif ukoll fis-siġar li hemm fit-terminus tal-karozzi tal-linja fir-Rabat.



*Isfar rasu blu*



*Isfar rasu sewda*



*Isfar rasu griża*

Iz-Zakak tad-Dell fih daqs l-Abjad u għandu r-ras u d-dahar griż jagħti fil-blu. Fixxitwa minn taħt ikun abjad safrani iżda fir-rebbiegħa jibda jsir isfar jgħajjat. Taħt għonqu jibda jtella wkoll l-iswed. Wieħed l-iżjed li jiltaqa miegħu f'waħdiet fil-widien ħdejn xi nixxiegħa. Ġeneralment ma jħobbx iżomm fi qtajja' bħal l-Isfar u ma jingabarx fi qtajja' għar-rqad bħal ma jagħmel l-Abjad. L-għajta tiegħu zi-zik tixbah lil dik ta' l-Abjad iżda bi ftit esperjenza wieħed ikun jista' jidentifikahom anke mil-għajta li ġeneralment isemmuha waqt li jkunu jtiru.

L-Isfar huwa wieħed mill-iżjed agħsafar komuni fil-passa kemm dik tar-rebbiegħa kif ukoll dik tal-ħarifa u ta' sikwit jidher fi qtajja kbar. Id-dahar ta' din l-ispeċi huwa aħdar safrani. Minn taħt ir-raġel ikun isfar jgħajjat filwaqt li l-mara tkun iżjed griża u bajdanija. Din l-ispeċi tinstab f'diversi razez li ftit minnhom jidhru f'Malta. Id-differenza bejniethom tidher l-iżjed fl-irġiel. L-iżjed li jidhru f'Malta hemm dak ta' rasu bluna b'faxx abjad fuq ir-riħ t'għajnejħ, dak ta' rasu sewda u ieħor b'rasu griża. Id-denb ta' l-Isfar huwa wkoll twil iżda mhux daqs tażżewġ zizka l-oħra. F'Għawdex l-Isfar huwa iżjed magħruf bl-isem ta' Gurunell.

Iz-Zizka huma mħarsa bil-liġi. Madankollu ħafna żgħażagħ għadhom illegalment jonsbu għas-Sofor f'postijiet bħal Lunzjata, il-Wied ta' Għajn Riħana, l-Imrieħel u nħawi oħra.



*Isfar*